

**Mistoqsija għal tweġiba orali O-000093/2013**

**lill-Kummissjoni**

Artikolu 115 tar-Regoli ta' Proċedura

**Vital Moreira, Franck Proust**

f'isem il-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

Suġġett: Relazzjonijiet kummerċjali UE-Tajwan

L-ammont totali ta' kummerċ bilaterali bejn l-UE u t-Tajwan qabeż l-EUR 40 biljun fl-2011. Il-kummerċ bejn l-UE u t-Tajwan żdied b'aktar minn tnax-il darba matul l-aħħar żewġ deċennji. L-UE għandha defiċit kummerċjali fil-kummerċ ta' merkanzija iżda tgawdi minn bilanċ favorevoli fir-rigward tal-kummerċ ta' servizzi. L-UE hija detentur ewlieni ta' stokk IDB fit-Tajwan u hija investitur attiv.

1. Il-Kummissjoni tista' tispjega x'miżuri ħadet flimkien mat-Tajwan: sabiex jiġi promoss il-kummerċ tal-merkanzija u s-servizzi bejn il-partijiet; sabiex jiġu pprovduti ambjent għall-investment stabbli u favorevoli, ċertezza legali u protezzjoni tal-investment; u sabiex tiġi promossa l-protezzjoni tad-Drittijiet tal-Proprietà Intellettwali u l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi?
2. Il-Kummissjoni tista' tispjega x'miżuri biħsiebha tiegħu dwar dawn il-kwistjonijiet fil-futur? Billi t-Tajwan ikkonkluda jew qed jinnegozja diversi ftehimiet dwar kwistjonijiet ta' kummerċ jew investment ma' għadd ta' sħab kummerċjali tagħha, inklużi r-Repubblika Popolari taċ-Ċina, l-Istati Uniti, il-Ġappun, ir-Repubblika tal-Korea, Singapor u New Zealand, il-Kummissjoni tista' tgħid jekk tali negozjati jistgħux ikunu previsti bejn it-Tajwan u l-Unjoni Ewropea?

Imressqa: 19.9.2013

Mgħoddija: 23.9.2013

L-iskadenza għat-tweġiba: 30.9.2013